



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Settembru 2017
(OR. en)

12704/17

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0304 (COD)

CORDROGUE 119
SAN 331
DROIPEN 124
JAI 851
CODEC 1482

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Settembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 560 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI biex tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' 'droga' u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 560 final.

Mehmuż: COM(2017) 560 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.9.2017
COM(2017) 560 final

2013/0304 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI biex tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' 'droga' u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI biex tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' 'droga' u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI

1. SFOND

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill 17.9.2013.
(id-dokument COM(2013) 618 final – 2013/0304 (COD):

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (ĠU 21.1.2014.
C 177, 11.6.2014, p. 52).

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: 17.4.2014.

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta emendata Mhux applikabbli.

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill 25.9.2017.

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Din id-direttiva hija parti minn pakkett ta' żewġ proposti leġiżlattivi dwar is-sustanzi psikoattivi mressqa mill-Kummissjoni fis-17 ta' Settembru 2013: proposta għal Regolament dwar sustanzi psikoattivi godda¹ u Direttiva li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi, rigward id-definizzjoni ta' droga².

L-għan tal-pakkett kien li tonqos id-disponibbiltà ta' sustanzi psikoattivi ġodda li joħolqu riskju permezz ta' azzjoni aktar rapida u effettiva fil-livell tal-Unjoni b'paragun mas-sistema applikata attwalment li hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi godda³.

¹ COM(2013) 619 final.

² COM(2013) 618 final.

³ ĠU L 127, 10.5.2005, p. 32. L-għażliet politiċi differenti ġew analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja liż-żewġ proposti, SWD(2013) 319 final.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

In-negozjati bejn l-istituzzjonijiet ta' dan il-pakkett leġislativ ilhom għaddejnin aktar minn erba' snin. Fil-Kunsill, waqt l-eżami tal-proposti l-Istati Membri esprimew dubji dwar l-għażla tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala l-bażi legali għar-Regolament propost. Biex jikseb l-istess għan ta' azzjoni tal-UE aktar rapida u effettiva dwar sustanzi psikoattivi ġodda, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) fis-6 ta' April 2016⁴ għalhekk qabel mal-approċċ il-ġdid propost mill-Presidenza.

Fil-kuntest ta' dan l-approċċ il-ġdid, il-kunċett tal-proposta tal-Kummissjoni għall-2013 għal Regolament dwar sustanzi psikoattivi ġodda bbażat fuq l-Artikolu 114 TFUE ġie abbandunat. Id-dispożizzjonijiet tal-proposta tal-Kummissjoni tal-2013 għal Regolament dwar sustanzi psikoattivi ġodda ġiew inklużi minn naħa waħda fit-test tad-Direttiva li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI, u min-naħa l-oħra fit-test ta' proposta ġdida li jemenda r-Regolament konstitutiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), ir-Regolament 1920/2006, li l-Kummissjoni ġiet mistiedna tippreżenta. Il-Kummissjoni adottat il-proposta li temenda r-Regolament 1920/2006 rigward l-iskambju ta' informazzjoni, is-sistema ta' twissija bikrija u l-proċedura tal-valutazzjoni tar-riskju dwar sustanzi psikoattivi ġodda fid-29 ta' Awwissu 2016⁵. Il-proposta tal-2013 dwar Regolament dwar sustanzi psikoattivi ġodda ġiet irtirata fil-kuntest tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017.

Intlaħq ftehim politiku bejn il-koleġislaturi fil-laqgħa tat-trilogi tad-29 ta' Mejju 2017, u dan ġie approvat mill-COREPER fil-31 ta' Mejju 2017 u mill-Kumitat LIBE fit-8 ta' Ġunju 2017.

F'konformità mal-approċċ il-ġdid deskritti hawn fuq, it-test tad-Direttiva jinkludi emendi sinifikanti għall-proposta tal-Kummissjoni tal-2013 għal Direttiva li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004. Id-Direttiva b'mod partikolari issa fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar id-definizzjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda u dwar teħid rapidu ta' deċiżjonijiet fuq il-livell tal-UE dwar sustanzi psikoattivi ġodda. Is-Sustanzi li jikkwalifikaw bħala sustanzi psikoattivi huma elenkati f'Anness ġdid mad-Deċiżjoni Qafas 2004/757/ĠAI li l-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li temenda permezz ta' atti delegati sabiex is-sustanzi psikoattivi ġodda jkunu elenkati fid-definizzjoni ta' "droga". Is-sustanzi kollha elenkati fl-Anness I huma koperti mid-dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas, f'konformità mal-bażi legali tagħha, l-Artikolu 83(1) TFUE. Madankollu, il-pakkett xorta jissodisfa l-oġettiv oriġinali tal-Kummissjoni li tnaqqas id-disponibilità ta' sustanzi psikoattivi ġodda li joħolqu riskju permezz ta' azzjoni aktar rapida u aktar effettiva fuq il-livell tal-Unjoni meta mqabbla mas-sistema applikata attwalment.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ il-pożizzjoni tal-Kunsill minħabba li xorta jissodisfa l-oġettiv oriġinali tal-Kummissjoni.

⁴ Rekord sommarju, dokument tal-Kunsill 7908/1/16 REV 1 tas-27 ta' Mejju 2016.

⁵ COM(2016) 547 final.